**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ħamis, tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar 2025

Kawża Nru 40/2023

**Il-Pulizija**
***(Spettur Josef Gauci)***
Vs

***Omissis***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra ***Omissis***, talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-tlieta (3) ta' April 2023 għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (16:30hrs) ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, Triq id-Donaturi tad-Demm, ir-Rabat, Għawdex:

(1) volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-ħsara huwa aktar minn elfejn u

ħames mitt ewro (€2,500), u dan għad-dannu tal-iSptar Ġenerali ta' Għawdex;[1]

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku;[2]

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, wettaq ħarba sempliċi mill-ħabs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu;[3]

(4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħarab minn post ta' kustodja jew ta' piena jew minn xi sptar fejn kien qiegħed għall-kura jew osservazzjoni, jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu, u biex ħarab saret vjolenza fuq xi persuna, jew bi ksur tal-postijiet imsemmija;[4]

(5) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja u/jew hedded lil PC 154 David Xerri u PC 359 Walter Bezzina, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qiegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;[5]

(6) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika,

[1] Artikolu 325(1)(a) tal-Kap. 9.
[2] Artikolu 209 tal-Kap. 9.
[3] Artikolu 151 tal-Kap. 9.
[4] Artikolu 152 tal-Kap. 9.
[5] Artikolu 95 tal-Kap. 9.

kontra persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe' ta' PC 154 David Xerri u PC 359 Walter Bezzina, filwaqt li kienu qiegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;[6]

(7) akkużat aktar talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-tlieta (3) ta' April 2023 għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14:30hrs), ġewwa komun tal-garaxxijiet bl-isem Tritons, fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, Żebbuġ, Għawdex offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku.[7]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi u cioe' ta' PC 154 David Xerri u PC 359 Walter Bezzina, jew għaż-żamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus, u dan ai termini tal-artikoli 382A u 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni għas-sigurta' tal-parti offiżi PC 154 David Xerri u PC 359 Walter Bezzina, u dan ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet finalment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija b'żieda ma' kull piena li l-ħati jista' jingħata b'sentenza, tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu

---

[6] Artikolu 96 tal-Kap. 9.
[7] Artikolu 209 tal-Kap. 9.

b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qliegħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, ħsara morali u, jew psikoloġika, kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat, u kull ordni bħal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel. L-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal- Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, skond l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tas-sebgħa (7) ta' Ottubru 2024 fejn id-difiża talbet lill-Qorti taħtar espert mediku sabiex wara li jieħu konjizzjoni tal-fatti ta' dan il-każ inkluż tax-xhieda mogħtija, jirrelata dwar jekk l-imputat kienx jinsab fi stat ta' ġenn fid-data tal-akkuża u dan salv kwalunkwe provvediment ieħor xieraq u opportun li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tipprovdi;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-ħmistax (15) ta' Ottubru 2024 fejn huwa irrimetta ruħu għat-talba tad-difiża;

Rat id-digriet tagħha tal-ħmistax (15) ta' Ottubru 2024 fejn hija laqgħet it-talba tad-difiża u ħatret lill-Professur Anton Grech sabiex wara li jieħu konjizzjoni tal-fatti tal-każ u jeżamina lill-imputat jiddetermina jekk fid-data tal-akkuża u ċioe fit-tlieta (3) ta' April 2023 l-imputat kienx fi stat ta' ġenn ai termini tal-artikolu 33 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta bil-konsegwenza li l-istess imputat ma kellux il-kapaċita *di intendere e di volere;*

Rat li l-Professur Anton Grech ippreżenta u ħalef ir-rapport tiegħu fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru 2024;

Semgħet lill-istess espert jagħti x-xhieda tiegħu fl-istess seduta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża preżentata fl-għaxra (10) ta' Diċembru 2024;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment inkluż wkoll ix-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni f'dan il-każ;

Ikkunsidrat;

Din is-sentenza sejra tindirizza biss l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża a tenur tal-artikolu 33(a) tal-Kap. 9 u ċioe jekk dakinhar tat-tlieta (3) ta' April 2023 – id-data tal-akkużi mertu ta' dawn il-proċeduri – l-imputat kienx fi stat ta' ġenn u li per konsegwenza għalhekk huwa eżenti mir-responsabbilita kriminali.

Spjegazzjoni dettaljata tal-artikolu 33(a) tal-Kap. 9 tagħtiha l-Qorti Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs David Norbert Schembri</u>***[8]:

> *"Kif inhu risaput, l-espressjoni "stat ta' genn" fil-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 33 tal-Kodici Kriminali ghandha sinjifikat legali li mhux necessarjament jattalja ruhu ma' dak li fil-medicina jew fil-psikjatrija jitqies bhala "genn". Kif jispjegaw l-awturi Jones u Christie fil-ktieb taghhom*

[8] Deċiża 25 ta' Settembru 2008.

*Criminal Law : "'It is important to emphasise at the outset that insanity is a purely legal concept. It is not a clinical term derived from psychiatry or psychology. Insanity is not synonymous with any medical conception of mental disorder.'*

*"Fi kliem iehor, persuna tista' tkun marida mentalment fil-mument li tkun ghamlet l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni li jammonta ghall-element materjali tar-reat, izda dan ma jfissirx necessarjament li dik il-persuna kienet fi "stat ta' genn" ghall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 33(a), cioe` tali li tkun ezenti minn responsabbilta` kriminali. Biex ikun hemm l-istat ta' genn li jezenta mir-responsabbilta` kriminali jrid jirrizulta (imqar fuq bazi ta' probabbilita`, meta d-demenza tkun giet eccemita mill-akkuzat jew imputat u allura l-piz ikun fuqu biex jipprova l-fatt li l-akkuzat jew imputat kien qed ibati minn marda tal-mohh li minhabba fiha, fil-mument ta'l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni, huwa kien priv (i) jew mill-kapacita` li jifhem in-natura u l-kwalita` ta' dak l-att li qed jaghmel, jew (ii) mill-kapacita` li jifhem li dak li qed jaghmel hu hazin, jew (iii) mill-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Marda tal-mohh – disease of the mind bl-Ingliz – mhux necesarjament tkun patologija lokalizzata fil-mohh – in the brain. Kif jispjega Lord Diplock fil-kaz ta' Sullivan [1984] AC 156, u b'referenza ghall-M'Naghten Rules – regoli, li wiehed m'ghandux jinsa, jirreferu biss ghall-kapacita` di*

*intendere, mentri l-ligi taghna tikkunsidra wkoll jekk kienx hemm il-kapacita` di volere: –*

*"'The nomenclature adopted by the medical profession may change from time to time…But the meaning of the expression 'disease of the mind' as the cause of 'a defect of reason' remains unchanged for the purpose of the application of the M'Naghten rules…'mind' in the M'Naghten rules is used in the ordinary sense of the mental faculties of reason, memory and understanding. If the effect of a disease is to impair these faculties so severely as to have either of the consequences referred to in the latter part of the rules, it matters not whether the aetiology of the impairment is organic, as in epilepsy, or functional, or whether the impairment itself is permanent or is transient and intermittent, provided that it subsisted at the time of commission of the act.'*

*"U kif spjegat aktar fi Blackstone's Criminal Practice 2008:*

*"'It can also be seen that to a large extent, whether something is a disease of the mind depends on the consequences it produces – impairment of the faculties of reason, memory and understanding. The disease certainly need not be one primarily located in the brain if it produces the relevant consequences there. Thus arteriosclerosis (hardening of the arteries) causing temporary loss of*

*consciousness is a disease of the mind for these purposes even though it is of physical rather than mental origin…However not every cause of an impairment of these mental faculties is a disease of the mind. A disease is something internal to the accused and so: 'A malfunctioning of the mind of transitory effect caused by the application to the body of some external factor such as violence, drugs, including anaesthetics, alcohol and hypnotic influences cannot fairly be said to be due to disease'(per Lawton LJ in Quick QB 910 at p. 922, emphasis added).'*

*"L-istess jista' jinghad fil-kaz ta' dipendenza, anke wahda qawwija, fuq drogi – tali dipendenza fiha nnifisha ma tammontax ghal marda tal-mohh ghall-finijiet ta' l-Artikolu 33(a) imsemmi.*

*"Biex din il-Qorti tikkonkludi fuq dan l-aspett ser tikkwota minn dak li wiehed isib fl-appunti tal-Professur Sir Anthony Mamo:*

*"'The question [of insanity], when it arises, is one of fact: it has, that is to say, to be decided whether the defendant had a mental disease and, if so, whether it was of such a character and degree as to take away the capacity to know the nature of his act or to help doing it.'"*[9]

[9] Vide also Il-Pulizija vs Mairo Said decided on the 28th April 2011.

L-espert psikjatriku nominat minn din il-Qorti jirrileva li l-imputat jbati minn psikożi. Colin A. Depp fil-ktieb _Handbook of Assessment in Clinical Gerontology_ jiddefinixxi l-psikożi bħala: *"**a loss of contact with reality**. According to the DSM-IV (APA, 2000), a narrow definition of psychosis encapsulates both delusions and hallucinations. Delusions are persistent beliefs that are not accepted in the context of a person's social and cultural background, whereas hallucinations are false sensory perceptions that cannot be attributed to sensory distortions."*[10] (Enfażi tal-Qorti)

Fir-rapport tiegħu l-espert psikjatriku jinnota:

> *"On the 3rd April 2023, Mr Mizzi was admitted at the Emergency Department of the Gozo General Hospital. He was brought to the emergency department after he was noted at Marsalforn behaving abnormally and naked. When he was examined on arrival to the Emergency Department, he was psychotic.* ***He had delusions of grandeur, believing that he was God. He felt that there was nothing wrong that he was naked.*** *While he was being examined, he became aggressive and started to destroy the room that he was in. While he was being restrained due to his aggressive behaviour, he had to be sedated and eventually intubated. . . . . From there, patient was transferred to the Short Stay Ward of the Gozo. He was discharged from there on the 31st May 2023. The diagnosis given at discharge was that of* ***Acute***

[10] https://www.sciencedirect.com/topics/social-sciences/psychoses#definition

***Psychosis**. He was discharged on antipsychotic medication." (Enfażi tal-Qorti).*

Abbażi ta' hekk l-istess espert jikkonkludi: *"On the 3rd of April 2023, Mr Michaelangelo Mizzi was suffering from psychosis. His condition prevented him from being able to understand what his actions were and the consequences of his actions."*[11]

Ta' rilevanza hija wkoll ix-xhieda ta' Dr Chantelle Azzopardi. Din kienet il-konsulent psikjatra li bdiet issegwi lill-imputat wara li huwa idaħħal l-Isptar fit-tlieta (3) ta' April 2023. Hija tikkonferma kif dakinhar tat-tlieta (3) ta' April 2023 l-imputat kien fi stat ta' **psikożi akuta fejn ma kienx dak il-ħin qed jagħraf ir-realta x'kienet**. Tispjega kif huwa kellu ħafna delużjonijiet (grandiosity). Kien qed jaħseb li hu Alla, li hemm ix-xjaten u li hu kien se jagħmel ċertu affarijiet biex isalva d-dinja. Tgħid wkoll kif kellu wkoll ħsibijiet ta' persekuzzjoni fejn mingħalih in-nies kienu qegħdin jagħmlulu l-ħsara. Tkompli tistqarr kif anke kellu esperjenza ta' *hallucinations* u kien qed jara u jisma' affarijiet li ma kinux reali dak il-ħin.[12]

Għalkemm mill-atti jirriżulta li l-imputat kien qed jabbuża mill-cannabis u anke mill-cannabis sintetika, dak li seħħ fit-tlieta (3) ta' April 2023 ma seħħx riżultat ta' abbuż minn dawn id-drogi. Huwa ċar kif l-imputat ġia kellu problemi mentali, liema problemi aggravaw ruħhom riżultat tal-abbuż mill-cannabis, partikolarment abbuż mill-cannabis sintetika. Infatti Dr Joseph Spiteri, konsulent li wkoll segwa lill-imputat, fix-xhieda tiegħu stqarr li l-imputat kien

[11] Fol. 141 tal-proċess.
[12] Fol. 51 u 52 tal-proċess.

psikotiku, jiġifieri maqtugħ mir-realta tiegħu. L-abbuż mid-droga sintetika imbagħad wassal sabiex ikun hemm *"disturb fiżiku qawwo ta' aggressjoni"*[13] L-istess xhud qal wkoll kif dakinhar il-kundizzjioni mentali tal-imputat kienet tali li huwa ma kienx jaf eżatt x'kien qed jiġri, ma kienx kapaċi jagħraf it-tajjeb mill-ħażin u ma kellux kapaċita *di intendere e di volere*.[14]

Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tabbraċċja l-konklużjoni tal-espert nominat minnha, aktar u aktar meta l-istess konklużjonijiet jikkombaċu perfettament max-xhieda mogħtija mill-psikjatri li kienu qed isegwu lill-imputat. Huwa ċar li fil-mument tal-kommissjoni tal-allegati reati l-imputat assolutament ma kellux il-*capacita di intendere e di volere*. Dan riżultat tal-psikożi akuta li kien qed ibati minnha. Għalhekk ma jistax jitqies li huwa kriminalment responsabbli għall-akkadut.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 33(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif wkoll l-artikoli 36 u 37 tal-Kap. 525 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża fir-rikors tagħha tas-sebgħa (7) ta' Ottubru 2024 u qiegħda tiddikjara li l-imputat huwa eżenti mir-responsabbilita kriminali stante li dakinhar li ġew imwettqa l-allegati reati l-imputat kien fi stat ta' ġenn.

Stante li mill-atti, senjatament mir-rapport tal-espert psikjatriku nominat minn din il-Qorti, jirriżulta li attwalment l-imputat jinsab għaddej b'Ordni ta' Kura fil-

[13] Fol. 78 tal-proċess.
[14] Fol. 79 tal-proċess.

Kommunita u qiegħed jiġi segwit bħala *outpatient* tas-*Psychiatric Outpatients Clinic* tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, il-Qorti mhux sejra tagħmel ordni sabiex l-imputat jinżamm fl-Isptar Monte Carmeli a tenur tal-artikolu 623(1) tal-Kap. 9.

Madanakollu wara li rat l-artikolu 16(1) tal-Kap. 525, il-Qorti qiegħda tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lill-Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittjiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali sabiex jassigura ruħu li l-imputat jkompli għaddej bl-Ordni ta' Kura fil-Kommunita. Dan bl-iskop li l-imputat jkompli jingħata l-għajnuna kollha neċessarja kif wkoll jiġi assikurat li huwa qed jieħu l-kura kollha li jippreskrivulu t-tobba u l-konsulenti li qegħdin isegwuh.

(ft) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur